MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 46/2011/1

**John Attard**
***v.***
**L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fil-31 ta’ Ottubru 2012 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba tiegħu biex tgħid illi nkiser il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

2. L-attur kien mixli b’omiċidju voluntarju u talli kellu fuqu sikkina mingħajr ma kellu liċenzja mill-Kummissarju

tal-Pulizija. Għadda ġuri, instab ħati u ngħata l-piena ta' għomor il-ħabs. Appella quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u l-appell għadu qiegħed jinstema'.

3. L-attur jgħid illi waqt dawn il-proċeduri ma tħarisx il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq għal żewġ raġunijiet: i. għax itteħditlu stqarrija bla ma ngħata l-jedd li jieħu parir ta' avukat, u dik l-istqarrija ntweriet lill-ġurati; u ii. għax ix-xiehda ewlenija kontrieh kienet dik ta' ċertu Ġużeppi Farrugia, li kien għamel stqarrija maħlufa quddiem il-maġistrat inkwirenti u, għalkemm din l-istqarrija nqrat lill-ġurati bis-saħħa – fil-fehma tal-attur – ta' dak li jgħidu l-*proviso* għall-art. 646(2) u l-art. 550(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-attur ma setax jagħmillu kontro-eżami għax kien ko-akkużat u llum huwa mejjet.

4. L-attur għalhekk talab illi l-qorti tgħid illi ma kellux smigħ xieraq, tħassar il-proċess kollu quddiem il-Qorti Kriminali u tgħid illi l-art. 550(1) u l-*proviso* tal-art. 646(2) huma *ultra vires* l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

5. Bis-sentenza tal-31 ta' Ottubru 2012 li minnha sar dan l-appell, l-ewwel qorti ħelset lill-Prim Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju u ċaħdet it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

"… permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qed jitlob dikjarazzjoni li l-produzzjoni ta' stqarrijiet magħmula minnu u deposizzjonijiet ta' xhieda oħra fil-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu wasslu għal-leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Ir-rikorrenti għalhekk qed jitlob il-qorti tħassar għal kollox il-proċess ġudizzjarju fil-konfront tiegħu.

"L-intimati, il-Prim'Ministru u l-Avukat Ġenerali, l-ewwelnett jiddikjaraw illi l-Prim'Ministru ma messux ġie mħarrek fil-kawża. *Inoltre*, isostnu illi ma kien hemm ebda leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-kostituzzjoni.

"Din il-qorti tibda biex tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni tal-intimati. Tirreferi fil-kuntest għall-artikolu 181B(2) tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdi illi:

"L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma

jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.
“Għaldaqstant il-qorti tqis li l-istess Prim’Ministru ġie mħarrek inutilment u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.
“Stqarrijiet
“F’dan il-kuntest, din il-qorti tibda biex ittenni li dak li effettivament tittutela l-Konvenzjoni, kif *del resto* tagħmel ukoll il-Kostituzzjoni, huwa d-dritt fondamentali għal smigħ xieraq. Madankollu, kif irriteniet riċentement il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża Muscat *vs* Avukat Ġenerali (deċiża fit-8 t’Ottubru, 2012):
““ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b’reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta’ għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq ingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b’xi mod jew b’ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.”
“Għaldaqstant l-eżerċizzju li jeħtieġ li jsir minn din il-qorti f’dan l-istadju m’huwiex sempliċiment li tirreġistra n-nuqqas ta’ għajnuna legali waqt l-interrogazzjoni tar-rikorrenti. Kif irriteniet il-Qorti Kostituzzjonali fil-fuq ċitata deċizjoni:
““li għandha tagħmel din il-qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u hekk inħoloqx il-perikolu illi l-attur jinstab ħati meta ma kellux jinstab ħati. Jekk ma hemmx dak il-perikolu, mela ma hemmx ksur.”
“Ebda qorti f’ebda ħin ma stabbiliet prinċipju universali li nuqqas ta’ assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirriżulta f’leżjoni ta’ dritt għall-smigħ xieraq.

"Sabiex tistabilixxi l-eżistenza *o meno* ta' leżjoni ta' dritt għal smigħ xieraq, il-proċess fil-konfront tar-rikorrenti odjern irid jiġi mifli fil-kompletezza tiegħu u fiċ-ċirkostanzi kollha tal-istess rikorrenti.

"Fil-każ in eżami, jirriżulta li r-rikorrenti rrilaxxa mal-pulizija żewġ stqarrijiet. Fiż-żewġ okkażjonijiet huwa ngħata t-twissija skont il-liġi fis-sens illi ma kienx obbligat li jwieġeb għad-domandi tal-pulizija jekk ma kienx jixtieq. *Inoltre*, il-qorti tinnota wkoll li fiż-żmien meta r-rikorrenti odjern irrilaxxa l-istess stqarrijiet ma kienet twassal għal ebda inferenza ċ-ċaħda tiegħu li jwieġeb lill-pulizija.

"Il-qorti ma tistax ma tirrimarkax ukoll dwar l-atteġġjament tal-istess rikorrenti waqt l-interrogatorju tiegħu. F'ħinijiet minnhom il-qorti tinnota li l-interrogatorju iktar kien jixbah interrogatorju ta' John Attard lill-pulizija milli viċe-versa, tant ma kienx żvantaġġat fis-sitwazzjoni.

*"Inoltre*, l-istess stqarrija ġiet konfermata minn John Attard quddiem il-maġistrat inkwerenti fis-6 ta' Settembru 2002, meta quddiem il-maġistrat inkwerenti huwa reġa' spjega dwar l-involviment tiegħu *o meno* fl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri. Huwa kkonferma wkoll l-awtentiċità tal-*cassette tapes* li fuqhom kien reġistrat l-interrogatorju tiegħu quddiem l-istess maġistrat inkwirenti.

"Finalment ma jistax wieħed jinjora l-fatt ta' diversi xhieda oħra prodotti fil-konfront tiegħu mill-prosekuzzjoni. Xehed Benny Attard, li wkoll kien akkużat bl-istess omiċidju, xehdu diversi uffiċjali tal-pulizija u nqrat ukoll stqarrija ta' Ġużeppi Farrugia li kien miet fil-mori tal-proċeduri.

"Stqarrija ta' Farrugia

"It-tieni lment ta' John Attard jirrigwarda l-istqarrijiet rilaxxati mix-xhud Ġużeppi Farrugia lill-pulizija u x-xhieda mogħtija lill-istess maġistrat inkwerenti fejn ikkonferma l-istqarriiet tiegħu bil-ġurament. Peress illi x-xhud kien laħaq miet sakemm sar il-ġuri, l-istess xhieda nqrat fil-proċeduri fil-konfront ta' Attard.

"A tenur tal-artikolu 646(2) tal-Kap 9, ix-xhieda ta' dan Ġużeppi Farrugia nqrat waqt il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrenti odjern li issa qiegħed jilmenta li l-fatt li ma setax jikkontrolla t-teħid tax-xhieda u jikkontro-eżamina lix-xhud wassal għal leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq.

"L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jittutela d-dritt ta' kull parti fi proċeduri ġudizzjarji li teżamina xhieda miġjuba kontriha.
"Fil-kuntest, kif irriteniet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Jesper *v*. United Kindom (deċiża 16 ta' Frar 2000):
""The court reiterates that the principle of equality of arms is part of the wider concept of a fair hearing within the meaning of article 6(1) of the Convention. It requires a fair balance between the parties: each party must be afforded a reasonable opportunity to present their case under conditions that do not place them under a disadvantage *vis-à-vis* their opponent.
""It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and the defence."
"Madankollu fil-kawza Ferrantelli and Santangelo *v*. Italy (deċiża 7 t'Awwissu 1996) il-Qorti Ewropea, wara li rribadiet il-fuq imsemmi prinċipju, f'każ simili fejn wieħed mix-xhieda ġie nieqes waqt il-proċeduri, ma sabet ebda leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Intqal hekk:
""51. … In addition, all the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing with a view to adversarial argument. However, the use of statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs 3(d) and 1 of Article 6 (art. 6-3-d, art. 6-1), provided that the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that the defendant be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either when he was making his statements or at a later stage of the proceedings …
""52. In this instance, even though the judicial authorities did not, as would have been preferable, organise a confrontation between all the accused during the twenty months preceding G.V.'s tragic death, they cannot be held responsible for the latter event."
"Kompliet tgħid hekk il-qorti f'dak il-każ:
""Furthermore, in its judgment of 6 April 1991, the Juvenile Section of the Caltanisetta Court of Appeal carried out a

detailed analysis of the prosecution witness's statements and found them to be corroborated by a series of other items of evidence, such as the fact that all the accused had made statements implicating each other, the fact that the applicants had helped G.V. to buy and to transport the two gas bottles used in the attack on the barracks and the lack of a convincing alibi for either of the accused."

"L-istess gara fil-kaz C.R.R. Scheper *v.* The Netherlands (*admissibility decision*, 05/04/2005) fejn il-Qorti Ewropea sabet li l-applikazzjoni ma kinetx ammissibli għaliex ma kienx każ ta' negliġenza li ma reġgħux tressqu xhieda li sussegwentement ma setgħux jinstabu.

"Fil-każ in eżami l-impossibilità tal-produzzjoni tax-xhud ma kienet ħtija ta' ħadd. Għaldaqstant, fuq skorta tal-fuq ċitati każijiet, il-qorti ma ssib ebda ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq bl-applikazzjoni tal-artikolu 646(2) tal-Kap 9."

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tat-2 ta' Novembru 2012, u l-konvenuti wieġbu fl-20 ta' Novembru 2012.

7. L-appell tal-attur jolqot id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar l-istqarrija tal-attur stess, id-deċiżjoni dwar l-istqarrija ta' Ġużeppi Farrugia u l-ħelsien tal-Prim Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju. Nibdew b'din l-aħħar deċiżjoni fejn l-aggravju ġie mfisser hekk:

"… f'dan il-każ ġie ċċitat il-Prim Ministru ex abbundantia kawtela [*recte*, *ex abundanti cautela*] peress li fit-tielet talba l-appellant qed jitlob il-qorti tiddikjara ċertu liġijiet bħala *ultra vires*. Sa ftit ilu kien pależi li f'dawn iċ-ċirkostanzi jiġi ċitat il-Prim'Ministru.

"Illi però naturalament jekk il-qorti tiddetermina li l-Avukat Ġenerali huwa leġittimu kontradittur anke f'dan ir-rigward, allura l-esponent jirrimetta ruħu peress li ma huwa ħa jbati l-ebda preġudizzju."

8. "Sa fiti ilu" kien ikun imħarrek il-Prim'Ministru f'kawżi bħal dik tallum għax, sa ftit ilu, jew, għall-inqas, sa ma ġie miżjud l-art. 181B fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bis-saħħa tal-art. 91 tal-Att XXIV tal-1995, ma kienx hemm disposizzjoni tal-liġi li tgħid illi l-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-gvern. Issa li l-materja hija regolata

b'liġi preċiża, ma hemmx ħtieġa li nibqgħu marbuta bi drawwiet li kienu jiswew sa ftit ilu iżda li ma għadhomx jiswew illum.

9. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

10. L-aggravju dwar l-istqarrija magħmula mill-attur meta ma kellux l-għajnuna ta' avukat ġie mfisser hekk:

"Illi għandu jingħad li għad li minn dejjem kien jiġi sostnut li waqt l-interrogatorju l-akkużat kellu jedd għal aċċess lill-avukat ta' fiduċja tiegħu, dan id-dritt ġie finalment kristallizzat b'numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem."

11. L-attur isemmi s-sentenzi ta' Salduz *v.* it-Turkija, tas-27 ta' Novembru 2008 u ta' Amutgan *v.* it-Turkija tat-3 ta' Mejju 2009[1]. Imbagħad isemmi l-każ ta' Il-Pulizija *v.* Mark Lombardi deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-12 ta' April 2011, u jgħid illi, għalkemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma kinitx sabet ksur f'dak il-każ, il-Qorti Kostituzzjonali kienet qalbet dik id-deċiżjoni. L-attur ikompli hekk:

"Illi r-raġunament tal-ewwel qorti f'din is-sentenza [ta' Lombardi] kien li d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea f'dan is-sens kollha jirrimarkaw li biex l-assenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni tkun leżiva għad-drittijiet ta' l-akkuzat, din trid tkun tali li tippreġudika lill-akkużat waqt il-proċeduri kriminali in estrem b'tali mod li jiġi affetwat id-dritt tas-smigħ xieraq f'dawk il-proċeduri u għalhekk irid jiġi ikkunsidrat il-proċess ġudizzjarju kollu u mhux l-istqarrija biss. *Inoltre* dik il-qorti, *in poche parole*, inferiet li bażikament l-istqarrija trid tkun il-prova ewlenija f'dak il-proċess. Illi però dan kien apprezzament skorrett tal-*iter* legali enunċjat mis-sentenzi ta' Strasburgu."

12. L-attur imbagħat jiċċita mis-sentenza ta' Salduz u ta' Lombardi u jgħid illi llum il-pożizzjoni hija "kristalizzata" fis-sens li jrid hu.

13. Essenzjalment l-argument tal-attur huwa illi l-qorti ta' Strasburgu tagħti xi forma ta' licenzja lil kull min, ħati

---

1 Fir-rikors tal-appell l-attur jirreferi għal dan il-każ bl-isem ta' Amutang flok Amutgan. Jirreferi wkoll għall-każ ta' Smien *v.* it-Turkija tat-3 ta' Mejju 2009. X'aktarx illi hawn ukoll l-attur irriproduċa l-isem ħażin, u ried jirreferi għall-każ ta' Emen *v.* it-Turkija, tas-26 t'April 2010, li iżda jolqot mhux dan l-aggravju iżda l-aggravju dwar xiehda meħuda fl-assenza tal-akkużat.

jew mhux, kien interrogat bla ma ngħata fakoltà li jieħu parir ta' avukat, u illi din il-qorti għandha tagħlaq għajnejha u tagħmel l-istess.

14. Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, *ipso facto* u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:

". . . *the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention*."

15. Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il-pożizzjoni estrema.

16. Kif ġà kellha okkażjoni illi tosserva[2], din il-qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla tehdid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.

17. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verità ħati ma jkunx.

18. Ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta' vulnerabilità t-teħid ta' stqarrija fl-assenza ta' avukat tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta' Salduz ir-rikorrent kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta ħtija. Meta, iżda, jumejn wara, reġa' ġie

2 Ara *e.g.* Il-Pulizija *v.* Amanda Agius (Q. Kost. 22 ta' Frar 2013); Il-Pulizija *v.* Tyrone Fenech (Q. Kost. 22 ta' Frar 2013).

interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt tehdid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' Panovits *v.* Ċipru[3] l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz *in faciem curiæ* – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' Płonka *v.* Il-Polonja[4], fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu. Fil-każ ta' Amutgan *v.* it-Turkija[5], imsemmi mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, instab ksur f'ċirkostanzi fejn "*the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer*"[6] għax "*He maintained that he was illiterate and therefore he did not know what was written in his statement taken by the gendarmes. He also stated that this statement was not read out to him and that he was forced to put his thumbprint on the statement to authenticate it*"[7].

19. Il-parir ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn iservi biex tingħeleb dik il-vulnerabilità u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija.

20. Fil-każ tallum, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, l-attur ma kien f'ebda pożizzjoni ta' vulnerabilità jew inferjorità meta għamel l-istqarrija. Kien raġel matur ta' 55 sena. It-tweġibiet tahom b'ċertu ħażen, jekk mhux makakkerija, u mhux biss ma stqarr ebda ħtija iżda anzi fittex li jitfa' l-ħtija fuq ħaddieħor. Kollox juri illi ma kienx fi stat ta' biża', twerwir jew tfixkil, u ma kienx imqarraq biex jistqarr ħtija li ma kellux. Ma jistax jingħad illi l-istqarrija tal-attur kienet determinanti fis-sejbien ta' ħtija tiegħu.

---

3 Q.E.D.B. 11 ta' Diċembru 2008, rikors 4268/04.

4 Q.E.D.B. 31 ta' Marzu 2009, rikors 30310/02.

5 Q.E.D.B. 3 ta' Mejju 2009, rikors 5138/04.

6 Para. 18.

7 Para. 15.

21. Barra minn hekk, ma jistax ma jkunx relevanti wkoll il-fatt illi l-attur meta xehed quddiem il-maġistrat inkwirenti fis-6 ta' Settembru 2002 tenna l-istqarrija tiegħu u ikkonferma dak li kien qal lill-pulizija wara li, fil-preżenza tal-maġistrat, sema' r-reġistrazzjoni ta' dik l-istqarrija fuq *tape*. Kif ġà osservat il-qorti aktar 'il fuq, l-għajnuna ta' avukat isservi biex tagħti garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija, iżda din il-garanzija mhux l-avukat biss jista' jagħtiha. Din il-qorti ma tistax, bla ma turi nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjoni ġudizzjarja tal-pajjiż, tgħid illi l-garanzija ta' leġittimità mogħtija bil-preżenza ta' maġistrat ma hijiex, fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, biżżejjed. Fil-każ tallum ma nġiebet ebda xiehda li toħloq imqar dell ta' dubju dwar dan.

22. Fil-fehma tal-qorti għalhekk dan l-aggravju ma jistħoqqx li jintlaqa'.

23. L-aħħar aggravju jolqot ix-xiehda ta' Ġużeppi Farrugia, u l-attur fisser dan l-aggravju hekk:

"Illi fit-tieni vertenza l-esponent jilmenta, prinċipalment, li hu ma setax ikollu smigħ xieraq minħabba li x-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, Joseph *sive* Ġużeppi Farrugia, ma nstemax *viva voce* quddiemu biex huwa jkun jista' jikkontrolla lill-istess.

". . . jidher li l-ewwel qorti ma apprezzatx biżżejed is-sustanza ta' dan l-aggravju. Illi fi ftit kliem, l-ewwel qorti, għad li abbraċċjat il-prinċipju li l-imputat irid ikollu d-dritt li jeżamina x-xhieda *viva voce*, ammettiet eċċezzjonijiet meta x-xhud ikun laħaq miet.

"Illi però l-aggravju tal-esponent imur ħafna *oltre* minn hekk . . .

"Illi l-aggravju prinċipali f'dan ir-rigward huwa s-segwenti.

"Illi għad li l-liġi fl-artikolu 646 u 550 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tidher li tammetti d-deposizzjonijiet ġuramentati ta' xhud u 'ttihom valur probatorju. fit-termini tal-artikolu 405, imbagħad, l-istess liġi tagħti -dritt lill-imputat iħarrek dawn ix-xhieda għall-kontro-eżami.

"Illi però fil-każ in diżamina l-appellant ma seta' qatt jużufruwixxi ruħu minn dan id-dritt peress li Ġużeppi Farrugia kien ko-akkużat.

"Illi huwa pależi li ko-akkużat ma jista' qatt jittella' jiddeponi la favur u lanqas kontra l-imputat.

"Illi għalhekk lanqas is-salvagwardja tad-dispost tal-artikolu 405 ma kien[et] disponibbli għall-esponent.
"Illi f'dan ir-rigward l-aggravju huwa limitat biss għall-indoli kostituzzjonali tal-argument, peress li quddiem Qorti Kriminali, mbagħad, l-esponent jilmenta li kien hemm indirizz erronju tal-Imħallef meta ammetta li tali deposizzjoni tiġi moqrija lill-ġurati minħabba li kienet xiehda inammissibli, *essendo* li kienet xiehda ta' ko-akkużat.
"Illi għalhekk il-kwistjoni tal-mewt *o meno* tax-xhud hija għal kollox estraneja mill-aggravju avanzat mill-esponent.
"Illi naturalment l-esponent imur *oltre* peress li qed jikkontendi li deposizzjonijiet ta' xhieda meħuda minn wara dahar l-imputat għandhom iservu biss għal finijiet ta' kontroll u m'ghandhom qatt ikollhom valur probatorju."
24. Qabel xejn, il-qorti tosserva illi dan l-aggravju huwa f'dan l-istadju intempestiv. L-attur igħid illi l-istqarrija ta' Ġużeppi Farrugia ma kellhiex tinġieb b'xiehda u tinqara lill-ġurati, u ressaq appell odinarju quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar dan. Bla ma tikkummenta fuq il-meritu ta' din is-sottomissjoni tal-attur, billi hija fil-kompetenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-qorti tosserva illi jekk l-attur jingħata raġun mill-Qorti tal-Appell Kriminali, il-kwistjoni setax jew le jagħmel kontro-eżami issir irrelevanti.
25. Dwar l-ilment kostituzzjonali tal-attur, il-qorti għalkemm taqbel illi l-prinċipju tal-*equality of arms* irid illi x-xhieda normalment jinstemgħu fil-preżenza tal-akkużat li jkollu fakoltà jagħmlilhom mistoqsijiet għall-kontro-eżami, tosserva illi d-depozizzjonijiet guramentati quddiem Magistrat fi stadju qabel il-bidu tal-proċess kontra l-akkużat mhux bilfors huma bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, ukoll jekk, minħabba l-mewt jew assenza inevitabbli tax-xhud, l-akkużat ma jkollux okkażjoni jikkonfrontah.
26. Hekk, fil-każ ta' <u>Artner *v.* l-Awstrja</u>[8] l-Qorti Ewropeja qalet illi:
"As it was impossible to secure Miss L.'s attendance at the hearing, it was open to the national court, subject to the rights of the defence being respected, to have regard

8 Q.E.D.B. 25 ta' Ġunju 1992, rikors 13161/87.

to the statements obtained by the police and the investigating judge, in particular in view of the fact that it could consider those statements to be corroborated by other evidence before it”

27. Ukoll, fil-każ ta’ Doorson *v.* l-Olanda[9] l-Qorti Ewropeja osservat illi:

“79. Repeated but unsuccessful attempts were made to bring the named witness R. before the Regional Court, following which the applicant withdrew his request to have him heard . . . . In the appeal proceedings R. was brought before the court by force, but absconded before he could be questioned … A subsequent attempt to have him brought before the Court of Appeal was likewise unsuccessful, after which no further attempt was made ...

“80. Despite the Court of Appeal's efforts it was impossible to secure R.’s attendance at the hearing. In the circumstances it was open to the Court of Appeal to have regard to the statement obtained by the police, especially since it could consider that statement to be corroborated by other evidence before it … Accordingly, no unfairness can be found in this respect …”

28. L-istess ingħad fil-każ ta’ Ferrantelli u Santangelo *v.* l-Italja[10], ċitat mill-ewwel qorti, fil-każ ta’ Calabrò *v.* l-Italja u l-Ġermanja[11] u fil-każ aktar reċenti ta’ Mika *v.* l-Isvezja[12]. Li huwa determinanti huwa jekk l-istqarrija tax-xhud assenti kinitx il-prova waħdanija jew ewlenija kontra l-akkużat: “*the Court has to determine whether the applicant’s conviction was based solely, or in a decisive manner, on K.’s statement in such a way that his right to a fair trial was violated*”[13]. Fil-każ tallum jidher illi x-xiehda ta’ Ġużeppi Farrugia kienet korroborata mhux biss minn fatti oġġettivi (bħal fejn, kif u biex sar id-delitt) imsemmija fl-istess xiehda li setgħu jiġi kontrollati u konfermati iżda wkoll bix-xiehda ta’ Benny Attard u Maria Attard, xhieda oħra tal-prosekuzzjoni.

---

9 Q.E.D.B. 26 ta’ Marzu 1996, rikors 20524/92.

10 Q.E.D.B. 7 ta’ Awissu 1996, rikors 19874/92.

11 Q.E.D.B. 21 ta’ Marzu 2002, rikors 59895/00.

12 Q.E.D.B. 27 ta’ Jannar 2009, rikors 31243/06.

13 *Ibid.* para. 38.

29. Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma jistax jingħad illi l-fatt illi ma setax jikkonfronta lil Ġużeppi Farrugia u jagħmillu kontro-eżami kien ta' ħsara għall-jedd tal-attur għal smigħ xieraq.

30. L-attur iżda jgħid illi l-ilment tiegħu mhux illi Ġużeppi Farrugia ma setax jiġi kontro-eżaminat għax miet, iżda illi ma satax jiġi kontro-eżaminat għax bħala ko-akkużat ma kienx xhud ammissibbli. Dwar dan l-ilment il-qorti terġa' ttenni dak li qalet fuq[14]: jew l-attur jingħata raġun mill-Qorti tal-Appell Kriminali, u Ġużeppi Farrugia ma kienx xhud kompetenti, ma kellhiex tinqara l-istqarrija tiegħu u ma jkunx hemm fuq xiex jiġi kontro-eżaminat; jew l-attur ma jingħatax raġun, u Ġużeppi Farrugia kien xhud kompetenti u allura seta' jiġi kontro-eżaminat. F'kull każ, l-ilment tal-attur ikun superat.

31. Għal dawn ir-raġunijiet dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

32. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell, tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata u tikkundanna lill-attur appellant iħallas l-ispejjeż kollha tal-appell.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[14] Para. 24, *supra*.